

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 297/2013

tas-27 ta' Marzu 2013

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 44/2012, (UE) Nru 39/2013 u (UE) Nru 40/2013 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd taħt il-Politika Komuni dwar is-Sajd ⁽¹⁾ jirrikjedi li jiġu stabbiliti miżuri tal-Unjoni li jirregolaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-eżerċizzju sostenibbli ta' attivitajiet tas-sajd filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli u b'mod partikolari r-rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), kif ukoll fid-dawl ta' kwalunkwe parir li jasal mill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.
- (2) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kundizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif xieraq. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri b'tali mod li għal kull Stat Membru tiġi żgurata stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd għal kull stokk jew speċi ta' ħut u b'kont debitament meħud tal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002.
- (3) Permezz tar-Regolamenti (UE) Nru 44/2012 ⁽²⁾, il-Kunsill iffissa opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet tal-UE, u għall-bastimenti tal-UE f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għall-2012. Permezz tar-Regolamenti (UE) Nru 39/2013 ⁽³⁾ u (UE) Nru 40/2013 ⁽⁴⁾, il-Kunsill iffissa opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet tal-UE, u għal bastimenti tal-UE f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għall-2013.
- (4) Fir-Regolament (UE) Nru 39/2013, huwa meħtieġ li tiġi ċċarata l-kundizzjoni speċjali għall-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell tat-tip horse mackerel fi-żoni VIIIc u IX.
- (5) Saru disponibbli fl-2012 għall-Unjoni opportunitajiet tas-sajd addizzjonali għall-ħalibatt tal-Groenlandja fiż-żona NAFO 3LMNO b'riżultat tat-trasferimenti tal-kwoti bejn l-Unjoni u Partijiet Kontraenti oħra tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO). Konsegwentement, għas-sena 2012, l-Anness IC tar-Regolament (UE) Nru 44/2012 għandu jiġi emendat b'effett mill-1 ta' Jannar 2012 sabiex jirrifletti dawk l-opportunitajiet tas-sajd ġodda. Dawn il-modifiki jikkonċernaw is-sena 2012 biss u huma mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva.
- (6) L-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE u tan-Norveġja, u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' xulxin huma stabbiliti kull sena fid-dawl ta' konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tas-sajd li jsiru b'konformità mal-ftehimiet bilaterali dwar is-sajd man-Norveġja ⁽⁵⁾. Sa meta jkunu konklużi dawk il-konsultazzjonijiet dwar l-arranġamenti għall-2013, ir-Regolament (UE) Nru 40/2013 iffissa opportunitajiet tas-sajd provviżorji għall-istokkijiet ikkonċernati. Fit-18 ta' Jannar 2013 ġew konklużi l-konsultazzjonijiet man-Norveġja. Huwa opportun li d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 40/2013 jiġu emendati kif meħtieġ.
- (7) Il-limiti tal-qbid għaċ-ċiċirell fiż-żona IIIa tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u fl-ilmijiet tal-UE fiż-żoni IIa u IV tal-ICES huma stabbiliti provviżorjament fl-AnnessIA tar-Regolament (UE) Nru 40/2013. Fi Frar 2013, l-ICES ippubblika parir xjentifiku għall-istokk taċ-ċiċirell fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IIIa tal-ICES u s-subżona IV tal-ICES. F'konformità ma' dak il-parir, il-limiti tal-qbid għaż-żoni ta' ġestjoni 1 u 2 għandhom ikunu 224 544 tunnellata u 17 544 tunnellata rispettivament. Għaż-żona ta' ġestjoni 3, l-ICES jagħti l-parir li l-limitu tal-qbid totali jkun 78 331 tunnellata. Billi ż-żona ta' ġestjoni 3 tkopri kemm qabdiet tal-UE kif ukoll Norveġiżi, il-limitu tal-Unjoni f'din iż-żona ma għandux ikun aktar minn 40 000 tunnellata. Għaż-żoni ta' ġestjoni 4 u 6, id-data dwar il-qbid u dik tal-istħarriġ ma kinux suffiċjenti biex l-ICES iwettaq valutazzjoni ibbażata fuq l-età. Konsegwentement, f'konformità mal-approċċ adottat għal stokkijiet oħrajn li jinsabu f'ċirkostanzi simili, huwa adatt li l-limiti tal-qbid fiż-żoni ta' ġestjoni 4 u 6 jkunu 4 000 tunnellata u 336 tunnellata

⁽¹⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 44/2012 tas-17 ta' Jannar 2012 li jiffissa għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali (ĠU L 25, 27.1.2012, p. 55).

⁽³⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 39/2013 tat-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa, għall-2013, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li mhumiex suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali (ĠU L 23, 25.1.2013, p. 1).

⁽⁴⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tat-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati (ĠU L 23, 25.1.2013, p. 54).

⁽⁵⁾ Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48).

rispettivament, li jammonta għal tnaqqis ta' 20% komparat mal-limiti tal-qbid għall-2012 f'dawk iż-żoni. F'konformità mal-parir tal-ICES, huwa meħtieġ li l-limiti tal-qbid għaż-żoni ta' ġestjoni 5 u 7 jkunu żero. Billi l-istokk taċ-ċiċirell huwa stokk kondiviż man-Norveġja u fid-dawl tad-disponibbiltà taċ-ċiċirell fl-ilmijiet tal-UE fl-2013, huwa opportun li jsir provvediment għall-iskambju ta' kwoti man-Norveġja. Konsegwentement, l-ammont allokat lin-Norveġja mis-sehem tal-Unjoni tal-qabda totali permissibbli (TAC) għandu jiġi f'fissat għal-livell ta' 22 450 tunnellata ta' ċiċirell fiż-żona ta' ġestjoni 1 bi skambju għal 1 769 tunnellata ta' merluzz tat-Tramuntana tan-Norveġja, 131 tunnellata ta' haddock tat-Tramuntana tan-Norveġja, 250 tunnellata ta' barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana u 95 tunnellata ta' lipp fil-Baħar tat-Tramuntana. L-Anness IA għar-Regolament (KE) Nru 40/2013 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(8) Fid-disa' Laqgħa Annwali tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC), li saret f'Manila mit-2 sad-9 Diċembru 2012 ġew adottati miżuri ġodda ta' konservazzjoni u ġestjoni għat-tonn għajnu kbira, it-tonna safra u l-palamit fir-rigward tal-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd, kif ukoll miżuri għaż-żona magħluqa għas-sajd b'irkaptu biex jinġema' l-ħut (FADs). Id-WCPFC qablet ukoll dwar miżuri ta' ġestjoni fir-rigward taż-żona kondiviża bejn id-WCPFC u l-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC). Skont dawk il-miżuri, il-bastimenti tal-UE elenkati fir-reġistru taż-żewġ organizzazzjonijiet għandhom jikkonformaw biss mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-IATTC stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 40/2013 meta jkunu qed jistadu f'din iż-żona kondiviża. Dawk il-miżuri tad-WCPFC għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(9) Taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku (ICCAT) dwar il-konservazzjoni tal-pixxispad tal-Atlantiku, l-Unjoni tista' tgħodd sa 200 tunnellata ta' qabdiet ta' pixxispad tagħha li jinqabdu fiż-żona ta' ġestjoni tat-Tramuntana tal-Atlantiku mal-kwota mhux maqbuda tal-pixxispad tan-Nofsinhar tal-Atlantiku. L-Unjoni tista' wkoll tgħodd sa 200 tunnellata ta' qabdiet tal-pixxispad tagħha fiż-żona ta' ġestjoni tan-Nofsinhar tal-Atlantiku mal-kwota mhux maqbuda tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(10) Fl-ewwel laqgħa annwali tagħha li saret fl-2013, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) iffissat opportunitajiet tas-sajd li jikkonsistu f'TAC għas-sawrell tat-tip jack mackerel, inkluża modifika tar-rappurtar assoċjati f'dan is-sajd, u l-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd pelaġiku u tal-qiegħ. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(11) Ir-Regolamenti (UE) Nru 39/2013 u (UE) Nru 40/2013 japplikaw, b'mod ġenerali, mill-1 ta' Jannar 2013. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013 fir-rigward tal-emendi għal dawk ir-Regolamenti. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipju taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti. L-emenda fir-Regolament (UE) Nru 44/2012 għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012. Billi l-modifika ta' xi limiti tal-qbid tinċidi fuq l-attivitatijiet ekonomiċi u l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-UE, huwa meħtieġ li jiġu emendati r-Regolamenti (UE) Nru 44/2012, (UE) Nru 39/2013 u (UE) Nru 40/2013 urġentement. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 44/2012

L-Anness IC tar-Regolament (UE) Nru 44/2012 huwa b'dan emendat bit-test tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 39/2013

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 39/2013 huwa b'dan emendat bit-test tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 40/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 40/2013 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, jiżdied il-punt li ġej:

"(n) "żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC" hija ż-żona ġeografika definita mil-limiti li ġejjin:

— il-lonġitudni 150 ° W,

— il-lonġitudni 130 ° W,

— il-latitudni 4 ° S,

— il-latitudni 50 ° S."

(2) l-Artikolu 24 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 24

Sajd għal ħut pelaġiku – limitazzjoni tal-kapaċità

L-Istati Membri li b'mod attiv eżerċitaw attivitajiet tas-sajd pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, l-2008 jew l-2009 għandhom jillimitaw il-livell totali ta' tunnellaġġ gross ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi fl-2013 għal-livell totali tal-Unjoni ta' 78 600 tunnellaġġ gross f'dik iż-żona."

(3) l-Artikolu 25 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 25

Sajd pelaġiku – TACs

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li eżerċitaw attivitajiet tas-sajd b'mod attiv għal ħut pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, l-2008 jew l-2009, kif speċifikat fl-Artikolu 24, li jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-żona skont it-TACs stipulati fl-Anness II.

2. L-opportunitajiet tas-sajd stipulati fl-Anness II jistgħu jinqabdu biss bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni il-lista ta' bastimenti li stadu attivament jew kienu involuti fit-trażbord fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, ir-reġistri tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), ir-rapporti ta' kull xahar dwar il-qbid u, fejn disponibbli, id-daħliet fil-portijiet mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xahar ta'wara, sabiex il-Kummissjoni tikkomunikahom lis-Segretarjat tal-SPRFMO."

(4) l-Artikolu 29 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 29

Limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd għat-tonn għajnu kbira, it-tonna safra u l-palamit

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jiżdidux il-jiem ta' sajd allokati lill-bastimenti tas-sajd bil-purse seine għat-tonn għajnu kbira (*Thunnus obesus*), it-tonna safra (*Thunnus albacares*), u l-palamit (*Katsuwonus pelamis*) fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC fl-ibħra internazzjonali u li jinsabu bejn 20 ° N u 20 ° S."

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

E. GILMORE

(5) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20 ° N u 20 ° S, l-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd bil-purse-seine li jużaw l-irkaptu biex jinġema' l-ħut (FADs) għandhom ikunu pprojibiti bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tal-1 ta' Lulju 2013 u 24:00 tat-31 ta' Ottubru 2013. Matul dan il-perijodu, bastiment tas-sajd bil-purse seine ma jistax ikun involut f'operazzjonijiet tas-sajd f'dik il-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC ħlief jekk ikollu abbord osservatur sabiex jissorvelja li l-bastiment febda ħin ma:

(a) juża jew iħaddem FAD jew apparat elettroniku assoċjat;

(b) jistad fuq ġlejjeb ta' ħut b'assoċjazzjoni mal-FADs."

(6) għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 30a

Żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC

1. Il-bastimenti elenkati esklussivament fir-reġistru tad-WCPFC għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 29 sa 31 meta jkunu qed jistadu fiż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC kif definit fil-punt (n) tal-Artikolu 4.

2. Il-bastimenti elenkati kemm fir-reġistru tad-WCPFC kif ukoll fir-reġistru tal-IATTC u l-bastimenti elenkati esklussivament fir-reġistru tal-IATTC għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 27(1) u fl-Artikolu 27(2) sa (6) meta jsir sajd fiż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC kif definit fil-punt (n) tal-Artikolu 4."

(7) L-Annessi IA, IB, ID, IJ, III u VIII huma b'dan emendati skont it-test stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Madankollu, l-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

ANNEX I

Fl-Anness IC tar-Regolament (UE) Nru 44/2012, l-annotazzjoni għall-ħalibatt tal-Groenlandja fiż-żona NAFO 3LMNO hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Ħalibatt tal-Groenlandja <i>Reinhardtius hippoglossoides</i> | Żona: | Iż-żona NAFO 3LMNO (GHL/N3LMNO) |
|------------------|---|-------|------------------------------------|
| L-Estonja | 328 | | |
| Il-Ġermanja | 335 | | |
| Il-Latvja | 46 | | |
| Il-Litwanja | 23 ⁽¹⁾ | | |
| Spanja | 4 486 | | |
| Il-Portugall | 1 875 ⁽²⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 7 093 ⁽³⁾ | | |
| TAC | 12 098 | | |

TAC Analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96
ma japplikax.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96
ma japplikax.

⁽¹⁾ Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 19,6 tunnelli bħala riżultat ta' trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.

⁽²⁾ Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 10 tunnelli bħala riżultat ta' trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.

⁽³⁾ Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 29,6 tunnelli bħala riżultat ta' trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiżi terzi."

ANNEX II

1. Fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 39/2013, l-annotazzjoni għas-Sawrell tat-tip horse mackerel fiż-Żona VIIIc hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: <i>Trachurus spp.</i> | | Żona: VIIIc (JAX/08C.) |
|----------------------------------|--------------------------------------|------------------------------|
| Spanja | 22 409 ⁽¹⁾ ⁽²⁾ | |
| Franza | 388 ⁽¹⁾ | |
| Portugall | 2 214 ⁽¹⁾ ⁽²⁾ | |
| Unjoni | 25 011 | |
| TAC | 25 011 | TAC analitika |

⁽¹⁾ Li minnhom, minkejja l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 850/98 ⁽¹⁾, mhux iktar minn 5 % jistgħu jkunu sawrell tat-tip horse mackerel ta' bejn it-12 u l-14-il ċm. Għall-finijiet tal-kontroll ta' dik il-kwantità, il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-piż tal-ħut li jinħatt l-art għandu jkun ta' 1,20.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).

⁽²⁾ Kundizzjoni speċjali: sa 5 % minn din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona IX (JAX/*09)."

2. Fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 39/2013, l-annotazzjoni għas-sawrell tat-tip horse mackerel fiż-Żona IX hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: <i>Trachurus spp.</i> | | Żona: VIIIc (JAX/09.) |
|----------------------------------|--------------------------------------|-----------------------------|
| Spanja | 7 762 ⁽¹⁾ ⁽²⁾ | |
| Portugall | 22 238 ⁽¹⁾ ⁽²⁾ | |
| Unjoni | 30 000 | |
| TAC | 30 000 | TAC analitika |

⁽¹⁾ Li minnhom, minkejja l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) 850/98, mhux iktar minn 5 % jistgħu jkunu sawrell tat-tip horse mackerel ta' bejn it-12 u l-14-il ċm. Għall-finijiet tal-kontroll ta' dik il-kwantità, il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-piż tal-ħut li jinħatt l-art għandu jkun ta' 1,20.

⁽²⁾ Kundizzjoni speċjali: sa 5 % minn din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona VIIIc (JAX/*08C)."

3. Fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 39/2013, l-annotazzjoni għas-sawrell tat-tip horse mackerel fiż-Żona X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: <i>Trachurus spp.</i> | | Żona: X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF ⁽¹⁾ (JAX/X34PRT) |
|----------------------------------|---|--|
| Il-Portugall | Għad trid tiġi stabbilita ⁽²⁾ ⁽³⁾ | |
| Unjoni | Għad trid tiġi stabbilita ⁽⁴⁾ | |
| TAC | Għad trid tiġi stabbilita ⁽⁴⁾ | TAC ta' prekawzjoni |

⁽¹⁾ L-ilmijiet ta' maġenb l-Azores.

⁽²⁾ Li minnhom, minkejja l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 850/98, mhux iktar minn 5 % jistgħu jkunu sawrell tat-tip horse mackerel ta' bejn it-12 u l-14-il ċm. Għall-finijiet tal-kontroll ta' dik il-kwantità, il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-piż tal-ħut li jinħatt l-art għandu jkun ta' 1,20.

⁽³⁾ Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

⁽⁴⁾ Iffissata fl-istess kwantità kif stabbilit skont in-nota tal-qiegħ numru 3."

4. Fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 39/2013, l-annotazzjoni għas-sawrell tat-tip horse mackerel fl-ilmijiet tal-UE tas-CECAF hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|----------------|---|--------------|---|
| "Speċi: | Sawrell tat-tip horse mackerel <i>Trachurus spp.</i> | Żona: | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni tas-CECAF ⁽¹⁾ (IAX/341PRT) |
| Il-Portugall | Għad trid tiġi stabbilita ⁽²⁾ ⁽³⁾ | | |
| Unjoni | Għad trid tiġi stabbilita ⁽⁴⁾ | | |
| TAC | Għad trid tiġi stabbilita ⁽⁴⁾ | | TAC ta' prekawzjoni |

⁽¹⁾ L-ilmijiet ta' maġenb Madejra.

⁽²⁾ Li minnhom, minkejja l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 850/98, mhux iktar minn 5 % jistgħu jkunu sawrell tat-tip horse mackerel ta' bejn it-12 u l-14-il ċm. Għall-finijiet tal-kontroll ta' dik il-kwantità, il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-piż tal-ħut li jinħatt l-art għandu jkun ta' 1,20.

⁽³⁾ Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

⁽⁴⁾ Iffissata fl-istess kwantità kif stabbilit skont in-nota tal-qiegħ numru 3."

ANNEX III

1. L-Anness IA tar-Regolament (UE) Nru 40/2013 huwa emendat kif ġej:

- (a) L-annotazzjoni għaċ-ċiċirell u qabdiel incidentalijiet assoċjati fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIa u IV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Ċiċirell u qabdiel incidentalijiet assoċjati <i>Ammodytes</i> spp. | Żona: | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIa u IV ⁽¹⁾ |
|------------------|---|-------|--|
| Id-Danimarka | 249 006 ⁽²⁾ | | |
| Ir-Renju Unit | 5 443 ⁽²⁾ | | |
| Il-Ġermanja | 381 ⁽²⁾ | | |
| L-Isvezja | 9 144 ⁽²⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 263 974 | | |
| In-Norveġja | 22 450 | | |
| TAC | 286 424 | | |

TAC analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

⁽¹⁾ Esklużi ilmijiet sa sitt mili nawtiċi mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.

⁽²⁾ Tal-inqas 98 % tal-iżbark li jingħadd ma' din il-kwota għandu jkun ċiċirell. Il-qabdiel incidentalijiet ta' dab, kavalli u merlangu għandhom jitqiesu mat-2 % li jibqa' tal-kwota (OT1/*2A3A4).

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jstgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċirell li ġejjin, kif iddefiniti fl-Anness IIB:

| Żona: | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċirell | | | | | | |
|------------------|--|-------------|-------------|-------------|-------------|-------------|-------------|
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| | (SAN/234_1) | (SAN/234_2) | (SAN/234_3) | (SAN/234_4) | (SAN/234_5) | (SAN/234_6) | (SAN/234_7) |
| Id-Danimarka | 190 635 | 16 549 | 37 731 | 3 773 | 0 | 317 | 0 |
| Ir-Renju Unit | 4 167 | 362 | 825 | 82 | 0 | 7 | 0 |
| Il-Ġermanja | 292 | 25 | 58 | 6 | 0 | 0 | 0 |
| L-Isvezja | 7 000 | 608 | 1 386 | 139 | 0 | 12 | 0 |
| L-Unjoni Ewropea | 202 094 | 17 544 | 40 000 | 4 000 | 0 | 336 | 0 |
| In-Norveġja | 22 450 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Total | 224 544 | 17 544 | 40 000 | 4 000 | 0 | 336 | 0" |

(b) l-annotazzjoni għall-petriċa fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | "Petriċa <i>Lophiidae</i> | Żona: | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (ANF/04-N.) |
|--------------------|------------------------------|-------|---|
| Il-Belġju | 45 | | |
| Id-Danimarka | 1 152 | | |
| Il-Ġermanja | 18 | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 16 | | |
| Ir-Renju Unit | 269 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 1 500 | | |
| TAC | Mhux rilevanti" | | TAC Analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(c) l-annotazzjoni għat-tusk fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Tusk <i>Brosme brosme</i> | Żona: | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII (USK/567EI.) |
|------------------|--|-------|--|
| Il-Ġermanja | 13 | | |
| Spanja | 46 | | |
| Franza | 548 | | |
| L-Irlanda | 53 | | |
| Ir-Renju Unit | 264 | | |
| Oħrajn | 13 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 937 | | |
| In-Norveġja | 2 923 ⁽²⁾ ⁽³⁾ ⁽⁴⁾ | | |
| TAC | 3 860 | | TAC Analitika Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament. |

⁽¹⁾ Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. Mhu permess ebda sajd dirett taħt din il-kwota.

⁽²⁾ Għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE fiż-żoni IIa, IV, Vb, VI u VII (USK/*24X7C).

⁽³⁾ Kundizzjoni speċjali: li minnhom huma awtorizzati qabdiet inċidentali ta' speċijiet oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, fiż-żoni Vb, VI u VII. Madankollu, dan il-perċentwali jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara l-bidu tas-sajd f'xi żona speċifika. Il-qabdiet inċidentali totali ta' speċijiet oħra fiż-żoni Vb, VI u VII ma għandhomx jaqbu 3 000 tunnellata (OTH/*5B67-).

⁽⁴⁾ Inkluż il-ling. Il-kwoti għan-Norveġja huma: 6 140 tunnellata ling (LIN/*5B67-), 2 923 tunnellata tusk (USK/*5B67-), u jistgħu jitpartu sa 2 000 tunnellata u jistgħu jinqabdu biss bil-konzizzjiet fiż-żoni Vb, VI u VII."

(d) L-annotazzjoni għall-aringi fiż-żona IIIa hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Aringi ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i> | Żona: | Iż-żona IIIa (HER/03A.) |
|------------------|---|-------|----------------------------|
| Id-Danimarka | 23 115 ⁽²⁾ | | |
| Il-Ġermanja | 370 ⁽²⁾ | | |
| L-Isvezja | 24 180 ⁽²⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 47 665 ⁽²⁾ | | |
| TAC | 55 000 | | |

TAC Analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

⁽¹⁾ Ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar.

⁽²⁾ Kundizzjoni speċjali: sa 50 % ta' dan l-ammont jista' jinqabad fl-ilmijiet tal-UE taż-żona IV (HER/*04-C)."

(e) L-annotazzjoni għall-aringi fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta' 53° 30'N hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Aringi ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i> | Żona: | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta' 53° 30' N (HER/4AB.) |
|--------------------|---|-------|---|
| Id-Danimarka | 81 945 | | |
| Il-Ġermanja | 50 632 | | |
| Franza | 23 464 | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 59 995 | | |
| L-Isvezja | 4 863 | | |
| Ir-Renju Unit | 65 901 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 286 800 | | |
| In-Norveġja | 138 620 ⁽²⁾ | | |
| TAC | 478 000 | | |

TAC Analitiku.
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

⁽¹⁾ Ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw separatament dwar il-ħatt l-art tagħhom ta' aringi fiż-żona IVa (HER/04A.) u ż-żona IVb (HER/04B.).

⁽²⁾ Li minnhom sa 50 000 tunnellata jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IVa u IVb (HER/*4AB-C). Qabdiet li jinqabdu fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

L-ilmijiet Norveġiżi fin-
Nofsinhar
ta' 62°N (HER/*04N-) ⁽¹⁾

L - U n j o n i 50 000
Ewropea

⁽¹⁾ Ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw separatament dwar il-ħatt l-art tagħhom ta' aringi fiż-żona IVa (HER/*4AN.) u ż-żona IVb (HER/*4BN.)."

(f) l-annotazzjoni għall-arangi fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinar ta' 62°N hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|------------------|---|--------------|---|
| "Speċi: | Aringi ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i> | Żona: | L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinar ta' 62° N (HER/04-N.) |
| L-Isvezja | 922 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 922 | | |
| TAC | 478 000 | | TAC Analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

⁽¹⁾ Il-qabdiel inċidentali tal-merluzz, il-haddock, il-pollakkju u l-merlangu u l-pollakkju (saithe) għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet."

(g) l-annotazzjoni għall-arangi fiż-żona IIIa hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|------------------|---|--------------|---|
| "Speċi: | Aringi ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i> | Żona: | Iż-żona IIIa (HER/03A-BC) |
| Id-Danimarka | 5 692 | | |
| Il-Ġermanja | 51 | | |
| L-Isvezja | 916 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 6 659 | | |
| TAC | 6 659 | | TAC Analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

⁽¹⁾ Esklussivament għall-ħatt l-art ta' arangi maqbuda bħala qbid inċidentali f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji iżgħar minn 32 mm."

(h) l-annotazzjoni għall-arangi fiż-żoni IV, VIII u l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|--------------------|---|--------------|---|
| "Speċi: | Aringi ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i> | Żona: | Iż-żoni IV, VIII u l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa (HER/2A47DX) |
| Il-Belġju | 71 | | |
| Id-Danimarka | 13 787 | | |
| Il-Ġermanja | 71 | | |
| Franza | 71 | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 71 | | |
| L-Isvezja | 67 | | |
| Ir-Renju Unit | 262 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 14 400 | | |
| TAC | 14 400 | | TAC Analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

⁽¹⁾ Esklussivament għall-ħatt l-art ta' arangi maqbuda bħala qbid inċidentali f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji iżgħar minn 32 mm."

(i) l-annotazzjoni għall-aringi fiż-żoni IVc, VIId hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Aringi ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i> | Żona: | Iż-żoni IVc, VIId ⁽²⁾ (HER/4CXB7D) |
|--------------------|---|-------|--|
| Il-Belġju | 9 285 ⁽³⁾ | | |
| Id-Danimarka | 1 187 ⁽³⁾ | | |
| Il-Ġermanja | 733 ⁽³⁾ | | |
| Franza | 13 035 ⁽³⁾ | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 23 276 ⁽³⁾ | | |
| Ir-Renju Unit | 5 064 ⁽³⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 52 580 | | |
| TAC | 478 000 | | |

TAC Analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

⁽¹⁾ Esklussivament għall-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bil-qies tal-malji ta' 32 mm jew akbar.

⁽²⁾ Minbarra l-istokk ta' Blackwater: ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fir-reġjun marittimu tal-estwarju tat-Thames f'żona delimitata minn linja rombu lejn in-Nofsinhar minn Landguard Point (51° 56' N, 1° 19.1' E) sal-lattitudni 51° 33' N u minn hemm lejn il-Punent sa punt fuq il-kosta tar-Renju Unit.

⁽³⁾ Kundizzjoni speċjali: sa 50 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona IVb (HER/*04B)."

(j) l-annotazzjoni għall-merluzz fi Skagerrak hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Merluzz <i>Gadus morhua</i> | Żona: | Skagerrak (COD/03AN.) |
|--------------------|--------------------------------|-------|--------------------------|
| Il-Belġju | 9 ⁽¹⁾ | | |
| Id-Danimarka | 3 026 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Ġermanja | 76 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 19 ⁽¹⁾ | | |
| L-Isvezja | 530 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 3 660 | | |
| TAC | 3 783 | | |

TAC Analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

⁽¹⁾ Flimkien ma' din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament."

- (k) l-annotazzjoni għall-merluzz fiż-żona IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa; dik il-parti taż-żona IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Merluzz <i>Gadus morhua</i> | Żona: | Iż-żona IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa; dik il-parti taż-żona IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat (COD/2A3AX4) |
|--------------------|--------------------------------|-------|---|
| Il-Belġju | 782 ⁽¹⁾ | | |
| Id-Danimarka | 4 495 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Ġermanja | 2 850 ⁽¹⁾ | | |
| Franza | 966 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 2 540 ⁽¹⁾ | | |
| L-Isvezja | 30 ⁽¹⁾ | | |
| Ir-Renju Unit | 10 311 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 21 974 | | |
| In-Norveġja | 4 501 ⁽²⁾ | | |
| TAC | 26 475 | | |

TAC Analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

- ⁽¹⁾ Flimkien ma' din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.
- ⁽²⁾ Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE. Qabdiet li jinqabdu fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona
IV
(COD/*04N-)

L - U n j o n i 19 099"
Ewropea

- (l) l-annotazzjoni għall-aringi fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinar ta' 62°N hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Merluzz <i>Gadus morhua</i> | Żona: | L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinar ta' 62° N (COD/04-N.) |
|------------------|--------------------------------|-------|---|
| L-Isvezja | 382 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 382 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

TAC Analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

- ⁽¹⁾ Il-qabdiet inċidentali tal-haddock, il-pollakkju u l-merlangu u l-pollakkju (saithe) għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet."

(m) l-annotazzjoni għall-merluzz fiż-żona VIIId hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Merluzz <i>Gadus morhua</i> | Żona: | Iż-żona VIIId (COD/07D) |
|--------------------|--------------------------------|-------|----------------------------|
| Il-Belġju | 66 ⁽¹⁾ | | |
| Franza | 1 295 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 39 ⁽¹⁾ | | |
| Ir-Renju Unit | 143 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 1 543 | | |
| TAC | 1 543 | | TAC Analitika |

(¹) Flimkien ma' din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament."

(n) l-annotazzjoni għall-haddock fiż-żona IIIa, l-ilmijiet tal-UE tas-Subdiviżjonijiet 22-32 hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Haddock <i>Melanogrammus aeglefinus</i> | Żona: | Iż-żona IIIa, l-ilmijiet tal-EU tas-Subdiviż- jonijiet 22-32 (HAD/3A/BCD) |
|--------------------|--|-------|---|
| Il-Belġju | 13 | | |
| Id-Danimarka | 2 231 | | |
| Il-Ġermanja | 142 | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 3 | | |
| L-Isvezja | 264 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 2 653 | | |
| TAC | 2 770" | | TAC Analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(o) l-annotazzjoni għall-haddock fiż-żona IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Haddock <i>Melanogrammus aeglefinus</i> | Żona: | Iż-żona IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa (HAD/2AC4.) |
|--------------------|--|-------|---|
| Il-Belġju | 257 | | |
| Id-Danimarka | 1 770 | | |
| Il-Ġermanja | 1 126 | | |
| Franza | 1 963 | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 193 | | |
| L-Isvezja | 178 | | |
| Ir-Renju Unit | 29 194 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 34 681 | | |
| In-Norveġja | 10 359 | | |
| TAC | 45 040 | | TAC Analitika |

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona
IV
(HAD/*04N-)

L - U n j o n i 25 798"
Ewropea

(p) l-annotazzjoni għall-haddock fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Haddock <i>Melanogrammus aeglefinus</i> | Żona: | L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (HAD/04-N.) |
|------------------|--|-------|---|
| L-Isvezja | 707 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 707 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC Analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(¹) Il-qabdiet incidental tal-merluzz, il-pollakkju u l-merlangu u l-pollakkju (saithe) għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet."

(q) l-annotazzjoni għall-merlangu fiż-żona IIIa hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Merlangu <i>Merlangius merlangus</i> | Żona: | Iż-żona IIIa (WHG/03A.) |
|--------------------|---|-------|----------------------------|
| Id-Danimarka | 929 | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 3 | | |
| L-Isvezja | 99 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 1 031 | | |
| TAC | 1 050" | | TAC ta' Prekawzjoni |

(r) l-annotazzjoni għall-merlangu fiż-żona IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Merlangu <i>Merlangius merlangus</i> | Żona: | Iż-żona IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa (WHG/2AC4.) |
|--------------------|---|-------|---|
| Il-Belġju | 365 | | |
| Id-Danimarka | 1 577 | | |
| Il-Ġermanja | 410 | | |
| Franza | 2 370 | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 912 | | |
| L-Isvezja | 3 | | |
| Ir-Renju Unit | 11 402 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 17 039 | | |
| In-Norveġja | 1 893 ⁽¹⁾ | | |
| TAC | 18 932 | | |

TAC Analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(¹) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE. Qabdiet li jinqabdu fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kundizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

| L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (WHG/*04N-) | |
|--|---------|
| L-Unjoni Ewropea | 11 544" |

(s) l-annotazzjoni għall-merlangu u l-pollakkju fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Merlangu u pollakkju <i>Merlangius merlangus</i> u <i>Pollachius pollachius</i> | Żona: | L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (WHG/04-N.) għall-merlangu; (POL/04-N.) għall-pollakkju |
|------------------|--|-------|---|
| L-Isvezja | 190 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 190 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

TAC ta' prekawzjoni

(¹) Il-qabdiet inċidentali tal-merluzz, il-haddock u l-pollakkju (saithe) għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet."

(t) l-annotazzjoni għall-istokkafixx fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni II u IV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Stokkafixx <i>Micromesistius poutassou</i> | Żona: | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni II u IV (WHB/24-N.) |
|------------------|---|-------|--|
| Id-Danimarka | 0 | | |
| Ir-Renju Unit | 0 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 0 | | |
| TAC | 643 000" | | |

TAC Analitika

- (u) l-annotazzjoni għall-istokkafixx fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIIc, VIIIe, XII u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Stokkafixx <i>Micromesistius poutassou</i> | Żona: | L-ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIIc, VIIIe, XII u XIV (WHB/1X14) |
|--------------------|---|-------|--|
| Id-Danimarka | 17 715 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Ġermanja | 6 888 ⁽¹⁾ | | |
| Spanja | 15 018 ⁽¹⁾ ⁽²⁾ | | |
| Franza | 12 328 ⁽¹⁾ | | |
| L-Irlanda | 13 718 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 21 601 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Portugall | 1 395 ⁽¹⁾ ⁽²⁾ | | |
| L-Isvezja | 4 382 ⁽¹⁾ | | |
| Ir-Renju Unit | 22 987 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 116 032 ⁽¹⁾ | | |
| In-Norveġja | 45 000 | | |
| TAC | 643 000 | | TAC analitika |

⁽¹⁾ Kundizzjoni speċjali: li minnhom sa 64% jistgħu jinqabdu fiż-Żona Ekonomika tan-Norveġja jew fiż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen (WHB/*NZJM1).

⁽²⁾ Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota għaż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1. Madankollu, trasferimenti bħal dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni minn qabel."

- (v) l-annotazzjoni għall-istokkafixx fiż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Stokkafixx <i>Micromesistius poutassou</i> | Żona: | Iż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 (WHB/8C3411) |
|------------------|---|-------|--|
| Spanja | 13 213 | | |
| Il-Portugall | 3 303 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 16 516 ⁽¹⁾ | | |
| TAC | 643 000 | | TAC Analitika |

⁽¹⁾ Kundizzjoni speċjali: li minnhom sa 64% jistgħu jinqabdu fiż-ŻEE Norveġja jew fiż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen (WHB/*NZJM2)."

- (w) l-annotazzjoni għall-istokkafixx fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni II, IVa, V, VI fit-Tramuntana ta' 56° 30'N u ż-żona VII fil-Punent ta' 12° hija sostitwita b' dan li ġej:

| "Speċi: | Stokkafixx <i>Micromesistius poutassou</i> | Żona: | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni II, IVa, V, VI fit-Tramuntana ta' 56° 30'N, u ż-żona VII fil-Punent ta' 12° W (WHB/24A567) |
|-------------|---|-------|---|
| In-Norveġja | 113 630 ⁽¹⁾ ⁽²⁾ | | |
| TAC | 643 000 | | TAC Analitika |

⁽¹⁾ Għandhom jinqatgħu mil-limiti tal-qbid tan-Norveġja stabbiliti skont l-arranġament tal-Istati Kostali.

⁽²⁾ Kundizzjoni speċjali: il-qabdiet fiż-żona IV ma għandhomx ikunu aktar minn 28 408 tunnellata jgħifieri 25% tal-kwota ta' aċċess tan-Norveġja."

- (x) l-annotazzjoni għal-linarda fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VI u VII hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Linarda <i>Molva dypterygia</i> | Żona: | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VI, VII (BLI/5B67-) |
|------------------|------------------------------------|-------|---|
| Il-Ġermanja | 25 | | |
| L-Estonja | 4 | | |
| Spanja | 79 | | |
| Franza | 1 806 | | |
| L-Irlanda | 7 | | |
| Il-Litwanja | 2 | | |
| Il-Polonja | 1 | | |
| Ir-Renju Unit | 459 | | |
| Oħrajn | 7 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 2 390 | | |
| In-Norveġja | 150 ⁽²⁾ | | |
| TAC | 2 540 | | |

TAC Analitika
Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. Mhu permess ebda sajd dirett taħt din il-kwota.

⁽²⁾ Għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IV, Vb, VI u VII (BLI/*24X7C)."

- (y) l-annotazzjoni għal-ling fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Ling <i>Molva molva</i> | Żona: | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV (LIN/6X14.) |
|------------------|-------------------------------------|-------|---|
| Il-Belġju | 30 | | |
| Id-Danimarka | 5 | | |
| Il-Ġermanja | 109 | | |
| Spanja | 2 211 | | |
| Franza | 2 357 | | |
| L-Irlanda | 591 | | |
| Il-Portugall | 5 | | |
| Ir-Renju Unit | 2 716 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 8 024 | | |
| In-Norveġja | 6 140 ⁽¹⁾ ⁽²⁾ | | |
| TAC | 14 164 | | |

TAC Analitika
Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Kundizzjoni speċjali: li minnhom huma awtorizzati qabdiet inċidentali ta' speċijiet oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, fiż-żoni Vb, VI u VII. Madankollu, dan il-perċentwali jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara l-bidu tas-sajd f'xi żona speċifika. Il-qbid inċidentali totali ta' speċijiet oħra fiż-żoni VI u VII ma għandux jaqbeż 3 000 tunnellata (OTH/*6X14.).

⁽²⁾ Inkluż it-tusk. Il-kwoti għan-Norveġja huma: 6 140 tunnellata ling u 2 923 tunnellata tusk, u jistgħu jitpartu sa 2 000 tunnellata u jistgħu jinqabdu biss bil-konżizzjiet fiż-żoni Vb, VI u VII."

(z) l-annotazzjoni għal-ling fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Ling <i>Molva molva</i> | Żona: | L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV (LIN/04-N.) |
|--------------------|----------------------------|-------|---|
| Il-Belġju | 7 | | |
| Id-Danimarka | 831 | | |
| Il-Ġermanja | 23 | | |
| Franza | 9 | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 1 | | |
| Ir-Renju Unit | 74 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 945 | | |
| TAC | Mhux rilevanti" | | TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(aa) l-annotazzjoni għall-ksamtu fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Ksamtu <i>Nephrops norvegicus</i> | Żona: | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (NEP/04-N.) |
|------------------|--------------------------------------|-------|---|
| Id-Danimarka | 947 | | |
| Il-Ġermanja | 0 | | |
| Ir-Renju Unit | 53 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 1 000 | | |
| TAC | Mhux rilevanti" | | TAC Analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(bb) l-annotazzjoni għall-gamblu tat-Tramuntana fiż-żona IIIa hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i> | Żona: | Iż-żona IIIa (PRA/03A.) |
|------------------|---|-------|---|
| Id-Danimarka | 2 308 | | |
| L-Isvezja | 1 243 | | |
| L-Unjoni Ewropea | 3 551 | | |
| TAC | 6 650" | | TAC Analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(cc) l-annotazzjoni għall-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|------------------|---|--------------|---|
| "Speċi: | Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i> | Żona: | L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (PRA/04-N.) |
| Id-Danimarka | 357 | | |
| L-Isvezja | 123 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni Ewropea | 480 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC Analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(¹) Qabdiet inċidentali ta' merluzz, haddock, pollakkju, merlangu u pollakju (saithe) għandhom jingħaddu mal-kwoti ta' dawn l-ispeċijiet."

(dd) l-annotazzjoni għall-barbun tat-tbajja' fi Skagerrak hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|--------------------|--|--------------|---|
| "Speċi: | Barbun tat-tbajja' <i>Pleuronectes platessa</i> | Żona: | Skagerrak (PLE/03AN.) |
| Il-Belġju | 55 | | |
| Id-Danimarka | 7 117 | | |
